Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Numru 146/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Michael Mallia**
**vs**
**Alan Cutajar**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Alan Cutajar ta' 32 sena iben Charles u Winifred nee' Willie mwieled Pieta fit-28 ta' Jannar 1977 u residenti fil-fond Block 10 Door B Flat 16, Triq il-Gilju, San Gwann, ID 125977 (M).**

**Akkuzat talli f'San Giljan fil-lejl ta' bejn it-23 u 24 ta' Gunju 2003 fi Triq il-Knisja Paceville, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus u kontanti u sigaretti minn gol-fond D' Amici Restaurant, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi s-somma ta' 233**


Qrati tal-Gustizzja

**Euro izda inqas minn 2330 Euro u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ l-amministraturi ta’ l-istess fond u/jew persuni ohra.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz ic-certifikat tat-twelid ta’ l-imputat bin-numru 1259 tas-sena 1977, ir-risposta tieghu li huwa hati, il-fedina penali li tinsab a fo 3 kif wkoll il-proces verbal li kien prezentat matul dan il-process.**

**Rat li l-imputat ghamel ammissjoni bikrija ghall-imputazzjoni dedotta kontrieh, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha.**

**Ghaldaqstant din l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat  l-Artikolu 28A, 261 (b) (c) (f), 263, 270, 267 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur, liema piena ghandha tibqa’ sospiza sakemm l-imputat ma jwettaqx xi reat matul is-sentejn li gejjin.**

**Qed tordna wkoll lill-imputat sabiex ihallas is-somma dovuta kollha u dan fi zmien sitt xhur u dan a ternur ta’ l-Artikolu 28H tal-Kap 9.**

**Il-Qorti qed tfisser lill-imputat li jekk hu jikser il-kundizzjoni matul dawn is-sentejn u jwettaq xi reat iehor, allura jista’ jehel san is-sitt xhur habs ukoll.**

**Barra minn hekk qed twissih ukoll li ghandu jhallas lid-derubat fi zmien sitt xhur ghax inkella jista’ jaghmel rikors u jitlob l-inkarcerazzjoni ta’ l-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------